# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 367/2016**

Il-Pulizija

vs

**Joseph Pisani**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 493073(M)

Illum, 15 ta' Gunju, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Joseph Pisani quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli naqas li jaghti lil CLAIRE PISANI, is-somma ta’ 500 EURO KULL XAHAR, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulat fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedek fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma fix-xahar ta’Awwissu 2015 u f’dawn l-ahhar hmistax l-gurnata kif ukoll fix-xhur ta’ Dicembru 2015, Jannar 2016 u Frar 2016;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Gunju, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuza kif dedotta mill-porsekuzzjoni u ikkundannatu ghal xahrejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Pisani pprezentat fis-7 ta' Lulju, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' l-ewwel aggravju tal-appell tieghu u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u tiddisponi minn dan l-appell skont din id-dikjarazzjoni. Alternattivament u minghajr pregudizzju f'kaz li l-ewwel aggravju tieghu ma jintlaqax, tilqa' l-aggravji l-ohra tieghu u joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tilliberah skont il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudizzju f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriformaha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi **l-Ewwel Aggravvju** huwa car u manifest in kwantu s-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti hija nulla ai fini u l-effetti kollha tal-ligi. Meta l-appellant talab kopja tas-sentenza moghtija fil-konfront tieghu sabiex jhejji l-appell tieghu huwa nghata biss il-kopja tal-komparixxi li fuqha kien hemm il-kliem "Xahrejn detenzjoni" miktubin fil-parti t'isfel ta' l-istess att.[Dok A] Illi minn harsa lejn dan id-dokument jidher ben car li dan ma jissodisfax ir-rekwiziti minimi stabilliti mil-ligi dwar x'ghandu jkun fiha sentenza [Vide Art.382 tal-Kap. 9]. Huwa minnu li fi proceduri sommarji ma hijiex rikjesta r-rigorisita' procedurali li hija stabillita fi proceduri penali ohra pero' "is-sentenza" in kwistjoni bir-rispett jigi sottomess li hija estremament ekonomika u sibillina.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, **it-Tieni Aggravju** huwa car u manifest in kwantu l-esponent bir-rispett jirrileva li s-sejbien ta' htija tieghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti fuq l-imputazzjonijiet migjuba kontrih hija wahda 'unsafe and unsatisfactory'. Mhux talli s-sentenza

appellata ma fiha l-ebda motivazzjoni ghas-sejbien ta' htija izda ma sar l-ebda accenn ghad-difiza mqajjma mill-appellant ta' l-impossibilita'. Huwa minnu li hemm digriet tal-Qorti Civili li jobbliga lill-appellant li jivversa manteniment ta' Euro 500 fix-xahar ghal martu u ghall-uliedu pero' dan ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-appellant jista jqajjem id-difiza ta' l-impossibilita li jwettaq dak mitlub minnu galadarba jipprova tali impossibilita' u li tali impossibilita' ma kienetx kif deskritt mill-Qrati nostrani " a self inflicted impossibility".

Dan l-ewwel Onorabbli Qorti injoratu ghal kollox meta kienet rinfaccata bi provi skjaccanti f'dan ir-rigward. Kienet rinfaccata bil-prova li l-imputat ripetutament kien rikoverat gewwa l-Isptar Monte Carmeli kemm volontarjarment kif ukoll b'ordni ta' awtorita'. Kienet rinfaccata bil-prova tal-qaghda medika ta' l-appellant konsegwenza tal-proceduri ta' separazzjoni li ghaddej minnhom. Kienet rinfaccata bil-prova li l-appellant huwa bniedem li dejjem fittex li jahdem. Kienet rinfaccata bil-prova tad-diffikulta li qed isib l-appellant sabiex ikollu impjieg minhabba l-kondizzjoni medika tieghu u l-proceduri tal-qorti.Kienet rinfaccata bil-prova ta' dak li attwalment jippercepixxi l-appellant bhala ghajnuna socjali. Kienet rinfaccata bil-prova li l-appellant qieghed jivversa lil martu u lil uliedu nofs dak li jdahhal bhala beneficcju socjali. Kienet rinfaccata bil-prova li l-parte civile kellha l-kontroll assolut ta' dak li kien jaqla l-appellant mix-xoghol tieghu. Kienet rinfaccata bil-fatt li l-parte civile kif bdew il-proceduri tas-separazzjoni gibdet il-flus kollha mill-bank li kienu l-introjtu ta' l-appellant mix-xoghol u qatt ma taghtu n-nofs spettanti lilu. Kienet rinfaccata bil-prova li addirittura l-parte civile ipprezentant mandat ta' sekwestru kontra l-istess appellant.

Fil-fatt lanqas accenn ma ghamlet l-ewwel Qorti ghal din id-difiza mqajjma mill-appellant li fih innifsu jrendi l-istess sentenza tal-Qorti 'unsafe and unsatisfactory'.

Lanqas hemm l-icken accenn ghal decizjoni dwar l-eccezzjoni mqajjma mid-difiza li l-appellant ma kienx f'pozzizzjoni li joqghod ghal gudizzju u jsegwi l-proceduri minhabba problemi ta' sahha mentali. Fil-fatt fuq Dok A lanqas l-icken accenn ma hemm ghal fatt li xehed it-Tabib Psikjatra Nigel Camilleri f'dawn il-proceduri.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal aggravvji precedenti, **it-Tielet Aggravvju** huwa car u manifest in kwantu l-piena nflitta fuq l-appellant mill-Ewwel Onorabbli Qorti fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz kienet wahda eccessiva u mhux idonea ghal kaz u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti giet infurmata li l-parte civile rceviet dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tichad l-appell ta' Joseph Pisani fuq il-meritu. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.